

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1114**tat-23 ta' Lulju 2020****li tapprova emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust ⁽²⁾, kif adottati fl-20 ta' Diċembru 2019,

Billi:

- (1) Il-Kulleġġ tal-Eurojust (il-"Kulleġġ") jista' jemenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust (ir-"Regoli ta' Proċedura") billi jsegwi l-istess proċedura għall-adozzjoni tagħhom fuq proposta tal-Bord Eżekuttiv jew ta' terz tal-membri tal-Kulleġġ, f'konformità mal-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2018/1727 u l-Artikolu 18 tar-Regoli ta' Proċedura. Tali emendi għar-Regoli ta' Proċedura jridu jiġu approvati mill-Kunsill permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.
- (2) L-abbozzi ta' emendi għar-Regoli ta' Proċedura ġew approvati, f'konformità mal-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2018/1727, mill-Kulleġġ fl-14 ta' Lulju 2020.
- (3) L-emendi għar-Regoli ta' Proċedura jenħtieġ li jiġu approvati mill-Kunsill.
- (4) Id-Danimarka mhijiex marbuta bir-Regolament (UE) 2018/1727 u għalhekk mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta r-Regolament (UE) 2018/1727.
- (5) L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) 2018/1727 u għalhekk qed tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li timplimenta r-Regolament (UE) 2018/1727,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust, mehmużin ma' din id-Deċiżjoni, huma b'dan approvati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2020.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. ROTH

⁽¹⁾ ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.

⁽²⁾ ĠU L 50, 24.2.2020, p. 1.

ANNEX

EMENDI GĦAR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-EUROJUST

IL-KULLEĠĠ TAL-EUROJUST,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 85 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI, ⁽¹⁾ minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament dwar il-Eurojust", u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust ⁽²⁾ approvati mill-Kunsill permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2250 tad-19 ta' Diċembru 2019 ⁽³⁾ u adottati mill-Kulleġġ fl-20 ta' Diċembru 2019, minn hawn 'il quddiem imsejħa r-"Regoli ta' Proċedura", u b'mod partikolari l-Artikoli 2, 3, 5 u 18 tiegħu,

Billi:

F'konformità mal-Artikolu 5(5) tar-Regolament dwar il-Eurojust u l-Artikolu 18 tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kulleġġ jista' jemenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust billi jsewgi l-istess proċedura għall-adozzjoni tagħhom fuq proposta tal-Bord Eżekuttiv jew ta' terz tal-membri tal-Kulleġġ. Kwalunkwe emenda għandha ssir fuq il-bażi ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tal-Kulleġġ. Fil-każ li ma jkunx jista' jintlaħaq qbil b'maġġoranza ta' żewġ terzi, id-deċiżjoni għandha tittieħed b'maġġoranza sempliċi waqt il-laqgħa li jkun imiss tal-Kulleġġ.

L-Istati Membri, b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, hađu għadd ta' miżuri straordinarji ta' prevenzjoni u trażżin. Dawk il-miżuri għamluha diffiċli ħafna jew impossibbli għall-membri tal-Kulleġġ li jkunu fiżikament preżenti fil-laqgħat tal-Kulleġġ li jsiru fil-bini tal-Eurojust jew fi kwalunkwe post alternattiv. Dan, min-naħa tiegħu, għamilha diffiċli biex jintlaħaq il-kworum meħtieġ mill-Artikolu 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura u biex il-Kulleġġ ikollu laqgħat formali u jiżgura t-tehíd tad-deċiżjonijiet.

Issa jeħtieġ li r-Regoli ta' Proċedura jippermettu li l-Kulleġġ jorganizza laqgħat bl-użu ta' mezzi tekniċi, inkluż permezz ta' vidjokonferenza, meta avvenimenti jew ċirkostanzi straordinarji li mhumix fil-kontroll tal-membri tal-Kulleġġ ma jħallux lill-Kulleġġ jiltaqa' skont ir-rekwiżiti tal-Artikoli 2, 3, 5(2) u 6(1) tar-Regoli ta' Proċedura, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat istituzzjonali.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Emendi għar-Regoli ta' Proċedura

L-Artikolu 2 tar-Regoli ta' Proċedura huwa b'dan emendat kif ġej:

Jizzied paragrafu (13) ġdid:

"F'konformità mar-rekwiżiti tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 5(2) ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, il-laqgħat tal-Kulleġġ għall-elezzjoni tal-President jistgħu jiġu organizzati bl-użu ta' mezzi tekniċi, inkluż permezz ta' vidjokonferenza. Dawn il-mezzi tekniċi għandhom jippermettu l-vot elettroniku anonimu minn membri tal-Kulleġġ biex tiġi ssalvagwardjata l-kunfidenzjalità u l-verifika tal-parteċipazzjoni tagħhom f'dak il-proċess. Id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu japplikaw għal dawn il-laqgħat *mutatis mutandis*".

L-Artikolu 3 tar-Regoli ta' Proċedura huwa b'dan emendat kif ġej:

Il-paragrafu 3 jinbidel kif ġej:

"Il-proċedura għall-elezzjoni tal-President fl-Artikolu 2(3) sa (13) ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandha tapplika *mutatis mutandis* għall-elezzjoni tal-Viċi Presidenti mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu."

⁽¹⁾ ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.

⁽²⁾ ĠU L 50, 24.2.2020, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 336, 30.12.2019, p. 309.

L-Artikolu 5 tar-Regoli ta' Proċedura huwa b'dan emendat kif ġej:

F'paragrafu 2, għandu jiżdied it-tieni paragrafu li ġej:

“Fil-każ ta' avvenimenti jew ċirkostanzi straordinarji li mhumix fil-kontroll tal-membri tal-Kulleġġ (force majeure) u meta l-Kulleġġ ma jkunx jista' jiltaqa' skont ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kulleġġ jista' jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, li jorganizza l-laqgħat tiegħu bl-użu ta' mezzi tekniċi, inkluż permezz ta' vidjokonferenza. Deċiżjoni tal-Kulleġġ għandha tiddetermina t-tul ta' żmien ta' din il-miżura. Dik id-deċiżjoni tal-Kulleġġ tista' tiġġedded sakemm jipersistu l-avvenimenti jew iċ-ċirkostanzi straordinarji (force majeure). Dawn il-laqgħat tal-Kulleġġ jistgħu jiġu organizzati sakemm il-mezzi tekniċi disponibbli jippermettu li l-membri tal-Kulleġġ jiġu identifikati u jipparteċipaw fid-diskussjonijiet u tiġi żgurata l-kolleġġjalità tad-deliberazzjonijiet. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 6 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura japplikaw għal dawn il-laqgħat *mutatis mutandis*.”

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u pubblikazzjoni

Dawn l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura tal-Eurojust għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħhom.

Dawn l-emendi għar-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
